MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2007

Numru 997/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**ALBERTA AMATO**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alberta Amato, 20 sena, bint Albert Amato u Dolores nee’ Spiteri, imwielda Pieta fit-22 ta’ Awissu, 1985 u li toqghod 104, Triq Carlo Manche, Gzira, detentrici ta’ karta ta’ l-identita’ nru. 434985M giet akkuzata talli b’diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fit-2 ta' Gunju, 2005, bejn is-1.30 pm u l-4.30 pm, mill-Ees N Jays Saloon fi Triq ic-Cieda, San Gwann ghad li ma kienitx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a) (b) u (c) ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement, ghenet jew assistit lil awtur, cioe' lil Natale Bonello, fil-kommissjoni ta' serqa ta' flus;
2. fis-27 ta' Gunju, 2005, ghall-habta tal-5 pm, mill-Old Trafford Stationery ta' Triq l-Arznell, Marsaxlokk ikkommettiet serq ta' zewg cameras tar-ritratti liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;
3. fl-24 ta' Awissu, 2005, ghall-habta tas-7 pm, mill-Crystal Look Grocery fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba ghad li ma kontx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a) (b) u (c) ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement, ghenet jew assistit lill-awtrici, cioe' lil Lorita Pace, fil-kommissjoni ta' serqa ta' flus u mobile phone;
4. fid-29 ta' Awissu, 2005, ghall-habta ta' l-10 am, mill-fergha tal-Bank of Valletta fi Triq Fleur de Lys, Birkirkara ikkommettiet serq ta' flus;
5. iktar akkuzata wkoll talli f'dawn il-gzejjer, fit-3 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tal-11 am, u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;
6. Finalment, akkuzata wkoll talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JM4 u nnutat li l-imputata m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 42, 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 344, 49, 50, 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Alberta Amato, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputata, tikkundanna lill-imputata Alberta Amato ghall-piena komplessiva ta’ sena u xahrejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------